# 97. Ħallini Negħreq fit-Tbissima Tiegħek

Ħallini negħreq fit-tbissima tiegħek,
hekk kif il-warda tgħum fid-dawl tax-xemx,
hekk kif is-sħaba tgħum f'difiet is-sema;
oħla minn dat-tbissim għalija m'hemmx!

U għidli bit-tbissima ta' fuq fommok
kif aħna marbutin it-tnejn flimkien;
la tkellimnix, il-kliem ma jfissirx sewwa
kif tħobbni int u kif inħobbok jien!

U biex isseddaq it-tbissima tiegħek
busni fuq fommi bewsa kif imiss;
la tkellemnix, il-kliem ma jfissirx sewwa
kif int tħobb lili biss, jien lilek biss!